IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2026
COM(2026) 460 final

2026/0144 (BUD)

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2026

Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tan-nefqa

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2026, kif adottat fis-26 ta' Novembru 2025[3],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2026 , adottat fl-10 ta' April 2026[4],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2026.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-taqsima individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj).

2 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

3 ĠU L, 2026/72, 26.2.2026, ELI:http://data.europa.eu/eli/budget/2026/72/oj.

4 COM(2026) 450, 10.4.2026.

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL 4

2.1 IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 2/2026 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRJI BEJN L-ISTATI MEMBRI 4
2.2 REVIŻJONI TAT-TBASSIR TAL-BAŻIJIET TAL-RPT, TAL-VAT, TAL-PPW U TAL-ING 5
2.3 KONTRIBUZZJONI TAR-RENJU UNIT 9
2.4 MULTI U PAGAMENTI TA' PENALI 10
2.5 IMPATT FUQ IL-KONTRIBUZZJONI GĦAR-RIŻORSA PROPRJA BBAŻATA FUQ L-ING GĦALL-2026 10

3. AĠĠORNAMENT TA' PARTITI TAN-NEFQA 12

3.1 TISĦIĦ TAL-APPROPRJAZZJONI TA' PAGAMENT GĦALL-KOEŻJONI U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) 12
3.2 TISĦIĦ TAN-NEFQA AGRIKOLA 13
3.3 POŻIZZJONIJIET U KREDITI ADDIZZJONALI FIT-TABELLA TAL-PERSUNAL GĦAS-SELF TA' APPOĠĠ GĦALL-UKRAJNA 13
3.4 TRASFERIMENTI MIŻ-ŻEE GĦALL-PROGRAMM LIFE 14
3.5 BIDLA FIR-RIMARKI TAL-BAĠIT GĦAL-LINJA 02 02 02 (GARANZIJA TAL-UE MILL-FOND INVESTEU — PROVIŻJONAMENT TAL-FOND TA' PROVIŻJONAMENT KOMUNI) 15

4. FINANZJAMENT 16

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 17

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2 għas-sena 2026 jaġġorna kemm in-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit.

Fir-rigward tan-naħa tad-dħul, l-aġġornament iqis l-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

– it-tbassir aġġornat tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2026 approvat mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fid-29 ta' Mejju 2026. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;

– id-dħul l-ieħor, bħall-multi u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit.

Fir-rigward tan-naħa tan-nefqa, l-ABE 2/2026 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

– tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 7,6 biljun, li minnhom EUR 3,4 biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 0,6 biljun għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), EUR 1,4 biljun għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u EUR 2,2 biljun għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);

– tisħiħ tar-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 300 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex jiġi pprovdut appoġġ immirat u eċċezzjonali lill-bdiewa li qed jiffaċċjaw sfidi severi ta' likwidità b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-kost tal-fertilizzanti;

– tisħiħ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għal ammont ta' EUR 140 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex jiġi żgurat rimborż f'waqtu tan-nefqa tal-FAEG lill-Istati Membri;

– żieda fin-numru ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-Kummissjoni, tisħiħ tan-nefqa amministrattiva fl-intestatura 7 u tisħiħ tal-linja ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effettiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Diġitali Finanzjarja Leġiżlattiva relatata;

– żewġ trasferimenti newtrali għall-baġit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) lura għall-programm LIFE wara l-irtirar tal-proposta Ewropea għall-monitoraġġ tal-foresti u dewmien fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi;

– bidliet fir-rimarki tal-baġit għal-linja baġitarja 02 02 02 (*Garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni*) biex tiġi akkomodata l-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għall-istrument finanzjarju InvestEU, skont ir-Regolament Omnibus II dwar InvestEU.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 2/2026 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 444,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' EUR 8,0 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 2/2026 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

It-tbassir rivedut għall-2026 ġie approvat fil-197 laqgħa tal-KKRP fid-29 ta' Mejju 2026. L-aġġustamenti tan-naħa tad-dħul tal-baġit huma meħtieġa biex jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), l-Iskart mill-Imballaġġ tal-Plastik (PPW) mhux irriċiklat u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), filwaqt li jitqies it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2026 (ara t-Taqsima 2.2).

Barra minn hekk, l-ammont ta' dħul ieħor huwa aġġornat biex iqis il-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit u l-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa b'mod definittiv mill-1 ta' Jannar 2026 (ara t-taqsimiet 2.3 u 2.4, rispettivament).

L-impatt globali tal-aġġustamenti tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella sommarja hawn taħt. Din it-tabella turi wkoll id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji fost l-Istati Membri kif ibbaġitjata fil-baġit inizjali tal-2026, kif inkluż fl-ABE 1/2026, u fl-aħħar nett kif inkluż f'dan l-ABE 2/2026.

Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f'miljun EUR)

	Baġit 2026	**ABE 1/2026**	**ABE 2/2026**
	(1)	(2)	(3)
BE	8 315,2	8 243,3	8 730,7
BG	1 187,9	1 175,8	1 226,7
CZ	3 375,6	3 338,9	3 572,1
DK	3 858,4	3 809,9	3 799,4
DE	41 374,0	40 861,9	42 837,6
EE	430,4	425,7	449,2
IE	4 159,8	4 114,8	4 557,9
EL	2 635,5	2 607,8	2 733,0
ES	18 097,8	17 909,0	18 699,7
FR	30 881,0	30 541,5	31 040,0
HR	966,8	956,3	1 003,5
IT	23 068,8	22 818,2	23 634,9
CY	355,4	351,7	363,4
LV	442,8	438,1	454,2
LT	876,3	867,0	919,1
LU	570,9	564,3	596,4
HU	2 369,5	2 345,2	2 543,9
MT	228,4	226,0	247,7
NL	11 800,1	11 666,4	12 020,6
AT	4 204,4	4 149,1	4 392,2
PL	9 905,4	9 802,4	10 355,1

PT	3 205,2	3 171,8	3 292,1
RO	4 001,0	3 957,1	3 972,9
SI	846,4	838,5	888,0
SK	1 476,0	1 460,8	1 392,8
FI	2 842,3	2 810,0	2 831,3
SE	5 080,1	5 008,6	5 268,8
UE	**186 555,5**	**184 460,2**	**191 823,1**

2.2 Reviżjoni tat-tbassir tal-bażijiet tal-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING

F'konformità mal-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament Finanzjarju[5], il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' tbassir ekonomiku aġġornat. Skont il-prattika stabbilita, it-tbassir rivedut tad-dħul jiġi maqbul mal-Istati Membri fil-proċedura ta' tbassir tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna t-tbassir tar-RPT li jrid jitħallas lill-baġit fl-2026 kif ukoll it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT, PPW u tal-ING għall-2026. It-tbassir inkluż fil-baġit adottat tal-2026 ġie approvat fil-194 laqgħa tal-KKRP li saret fis-26 ta' Mejju 2025. Ir-reviżjoni f'dan l-ABE 2/2026 tqis it-tbassir approvat fil-197 laqgħa tal-KKRP li saret fid-29 ta' Mejju 2026. L-aġġornament tat-tbassir tar-riżorsi proprji jtejjeb l-akkuratezza tal-projezzjonijiet tad-dħul, filwaqt li jiżgura li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE jkunu allinjati b'mod aktar akkurat mal-ħtiġijiet finanzjarji reali matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tad-dħul tal-Kummissjoni huma bbażati fuq it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2026[6] tal-Kummissjoni, li jipprevedi attività ekonomika aktar dgħajfa fl-2026 peress li l-kunflitt fil-Lvant Nofsani skatta xokk ġdid tal-enerġija, qanqal mill-ġdid l-inflazzjoni u dgħajjef is-sentiment ekonomiku.

Qabel l-aħħar ta' Frar 2026, l-ekonomija tal-UE kienet mistennija tkompli tespandi b'pass moderat flimkien ma' tnaqqis ulterjuri fl-inflazzjoni, iżda l-prospettiva nbidlet b'mod sostanzjali minn mindu faqqa' l-kunflitt. L-inflazzjoni bdiet tirkupra f'Marzu 2026, xprunata miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi tal-enerġija, u l-attività ekonomika qed titlef il-momentum.

B'riżultat ta' dan, it-tkabbir tal-PDG fl-UE issa huwa pprojettat li jonqos għal 1,1 % fl-2026 — reviżjoni 'l isfel ta' 0,3 punti perċentwali mill-projezzjoni tat-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2025 (1,4 %) u tnaqqis meta mqabbel mat-tkabbir ta' 1,5 % fl-2025. It-tkabbir tal-PDG imbagħad huwa mistenni li jiżdied għal 1,4 % fl-2027. L-inflazzjoni fl-UE hija mistennija li tilħaq 3,1 % fl-2026 – punt perċentwali sħiħ ogħla minn dak imbassar qabel – qabel ma terġa' tonqos għal 2,4 % fl-2027.

It-tbassir tar-RPT jibni fuq il-projezzjonijiet tal-importazzjonijiet barra mill-UE fit-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni. It-tkabbir tal-UE ddgħajjef iżda ma żvijax filwaqt li l-kummerċ globali huwa previst li jkompli jikber matul il-perjodu ta' tbassir, għalkemm b'pass li qed jonqos. Minkejja ż-żieda qawwija fit-tariffi tal-Istati Uniti, l-inċertezza eċċezzjonalment għolja tal-politika kummerċjali, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi, il-kummerċ globali espanda b'mod qawwi b'4,3 % fl-2025. Dan kien appoġġat minn kummerċ b'saħħtu relatat mat-teknoloġija, il-frontloading tal-importazzjonijiet

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

6 Il-Kummissjoni Ewropea, 2026, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2026, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 341.

tal-Istati Uniti, u l-espansjoni robusta kontinwa tal-kummerċ relatat mas-servizzi – xejra strutturali li tirrifletti s-sehem dejjem jikber tas-servizzi fil-kummerċ globali.

Wara diversi snin ta' prestazzjoni mrażżna, ħafna ekonomiji avvanzati ewlenin, inklużi l-UE, ir-Renju Unit u l-Ġappun, esperjenzaw xi rkupru fil-kummerċ tal-merkanzija fl-2025. Filwaqt li dawn l-ixprunaturi sottostanti huma mistennija li jkomplu jappoġġaw il-kummerċ globali, it-tkabbir annwali fl-2026 se jkun aktar baxx, peress li ċ-ċifri tal-kummerċ tal-2025 kienu jinkludu l-frontloading tal-importazzjonijiet mill-2026. Barra minn hekk, l-effetti konsegwenzjali tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani fuq il-flussi tal-kummerċ tal-enerġija, il-ktajjen tal-provvista, u l-kostijiet tat-trasport fuq l-ilma se jkunu wkoll ta' piż fuq il-kummerċ globali fl-2026. B'riżultat ta' dan, it-tkabbir tal-kummerċ globali huwa mistenni li jimmodera għal 2,1 % fl-2026, u b'mod ġenerali jerġa' lura għax-xejra reċenti tiegħu ta' espansjoni kemxejn taħt it-tkabbir globali tal-PDG. Bl-attività ekonomika globali mbassra li tissaħħaħ fl-2027, it-tkabbir tal-kummerċ globali huwa pprojettat li jaċċellera għal 3 %.

Ix-xenarju ekonomiku sottostanti għall-baġit tal-2026 huwa l-bażi tal-aħħar stimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u l-bażijiet stmati tar-riżorsi proprji l-oħra:

- Id-dazji doganali totali li għandhom jinġabru fl-2026, netti minn 25 % tal-kostijiet tal-ġbir, huma mbassra għal EUR 24 350,2 miljun, u dan jirrappreżenta żieda ta' 14,0 % meta mqabbel mat-tbassir ta' EUR 21 368,3 miljun inklużi fil-baġit tal-2026. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodu ta' tbassir tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq ir-rati ta' tkabbir imbassra ta' importazzjonijiet barra l-UE) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni (ibbażat fuq l-aħħar data tal-eżitu għad-dazji doganali miġbura, jiġifieri Jannar – April 2026). Bħal fis-snin li għaddew, il-Kummissjoni tieħu approċċ prudenti, li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE f'kuntest ta' volatilità u ta' inċertezzi ekonomiċi u finanzjarji għoljin. Għalhekk, qed jiġi propost li jintuża l-metodu ta' tbassir tradizzjonali għar-reviżjoni tat-tbassir tar-RPT tal-2026. Dan jirriżulta fi dħul ogħla ta' EUR 3,0 biljun meta mqabbel mal-baġit 2026 adottat.
- Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2026 hija mbassra li tkun ta' EUR 8 407 456,0 miljun, li tirrappreżenta żieda ta' 1,2 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2025 ta' EUR 8 305 297,6 miljun imdaħħla fil-baġit adottat tal-2026. Il-bażi totali tal-VAT limitata tal-UE għall-2026[7] hija mbassra għal EUR 8 362 091,2 miljun, u din tirrappreżenta żieda ta' 1,3 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2025 ta' EUR 8 252 480,7 miljun. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT limitata huma ppreżentati fit-Tabelli 2 u 6 tal-anness baġitarju li jakkumpanjahom.
- It-tbassir tal-PPW mhux irriċiklat fl-UE jammonta għal 9 031 215,2 tunnellata fl-2026, li huwa tnaqqis ta' 4,1 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2025 ta' 9 422 229,9 tunnellata. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux irriċiklat huma ppreżentati fit-Tabelli 3 u 6 tal-anness baġitarju li jakkumpanjah.
- Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2026 hija prevista għal EUR 19 456 074,9 miljun, jiġifieri żieda ta' 0,9 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2025 ta' EUR 19 277 897,8 miljun.

Ir-rati tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2025 intużaw biex it-tbassir tal-bażijiet tal-VAT u l-ING jinqalbu mill-muniti nazzjonali għal EUR, għas-sitt Stati Membri li mhumiex membri fiż-żona tal-euro. Dan jevita distorsjonijiet, peress li dawn ir-rati huma l-istess bħal dawk użati għall-konverżjoni tal-pagamenti tar-riżorsi proprji bbaġitjati mill-EUR f'muniti nazzjonali meta l-ammonti jintalbu, kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014[8].

---

[7] L-Artikolu 2(1), punt (b) tal-ORD 2020 jistipula li l-bażi tal-VAT għal kull Stat Membru ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ING. Għall-ABE 2/2026, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING.

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk

It-tbassir rivedut tar-RPT, il-bażijiet tal-VAT mhux limitati, il-bażijiet tal-PPW mhux irriċiklat u l-bażijiet tal-ING għall-2026, kif adottati fil-197 laqgħa tal-KKRP, huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/609/oj), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/615 tal-5 ta' April 2022 (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/615/oj).

Tbassir rivedut tal-bażijiet tar-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING għall-2026

	Dwana (75 %)	Bażijiet tal-VAT mhux limitati	Bażijiet tal-PPW mhux irriċiklat	Bażijiet tal-ING	Limiti massimi Bażijiet tal-VAT[9]
	miljuni ta' EUR		tunnellati	miljuni ta' EUR	
BE	2 855,0	246 029,8	146 503,6	672 147,0	246 029,8
BG	156,1	60 063,1	60 461,3	116 421,7	58 210,9
CZ	413,5	143 348,2	145 795,3	354 006,6	143 348,2
DK	428,2	159 274,8	172 954,0	431 570,7	159 274,8
DE	4 766,7	1 926 197,6	1 478 042,3	4 775 859,1	1 926 197,6
EE	43,0	23 811,3	26 725,6	43 348,5	21 674,3
IE	493,7	148 033,2	254 421,8	457 422,9	148 033,2
EL	339,5	122 227,0	181 433,0	256 347,3	122 227,0
ES	2 274,0	837 957,2	1 018 137,6	1 772 531,0	837 957,2
FR	2 195,0	1 411 044,9	1 745 591,1	3 108 161,9	1 411 044,9
HR	75,0	61 109,5	54 536,8	100 104,7	50 052,4
IT	2 648,2	990 709,1	1 130 437,1	2 315 423,8	990 709,1
CY	50,4	25 019,4	12 021,5	34 156,5	17 078,3
LV	49,1	22 084,6	11 499,3	44 931,3	22 084,6
LT	111,0	38 876,9	61 719,7	87 169,6	38 876,9
LU	14,2	47 306,5	12 474,1	63 794,7	31 897,4
HU	303,1	94 679,0	303 973,2	233 440,3	94 679,0
MT	29,2	12 308,4	15 047,1	23 174,5	11 587,3
NL	3 554,8	526 063,9	268 462,8	1 212 988,5	526 063,9
AT	239,5	250 293,0	190 742,5	529 021,8	250 293,0
PL	1 448,3	463 931,3	648 814,9	952 307,6	463 931,3
PT	304,0	164 482,0	226 139,0	316 470,2	158 235,1
RO	372,7	143 594,9	378 921,2	391 778,3	143 594,9
SI	215,8	33 946,8	31 986,2	73 774,1	33 946,8
SK	141,6	56 888,5	65 660,5	139 903,8	56 888,5
FI	159,3	135 868,5	115 055,4	290 836,4	135 868,5
SE	669,3	262 306,6	273 658,3	658 982,1	262 306,6
UE	**24 350,2**	**8 407 456,0**	**9 031 215,2**	**19 456 074,9**	**8 362 091,2**

[9] L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 8 ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

2.3 Kontribuzzjoni tar-Renju Unit

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għandha titħallas f'konformità mal-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ")[10] u tkopri b'mod partikolari s-sehem tar-Renju Unit fl-impenji pendenti ta' qabel l-2021 li għandhom jitħallsu fl-2026 kif ukoll is-sehem tar-Renju Unit fl-obbligazzjonijiet tal-Unjoni (bħal pensjonijiet) u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit tinkludi wkoll l-ammonti dovuti lir-Renju Unit relatati mal-korrezzjonijiet tar-riżorsi proprji u l-aġġustamenti għas-snin finanzjarji sal-2021.

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija bbażata fuq is-sehem tar-Renju Unit[11], li huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji li saru disponibbli mir-Renju Unit fis-snin bejn l-2014 u l-2020 u r-riżorsi proprji li saru disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u r-Renju Unit. Is-sehem tar-Renju Unit ġie aġġustat fl-2022 f'konformità mal-Artikolu 139 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Is-sehem definittiv tar-Renju Unit ġie stabbilit għal 12,431681219587700 %.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit għall-bagit tal-2026. Din tinkludi l-elementi li r-Renju Unit diġà ħallas bejn Jannar u Mejju 2026 bħala parti mill-fattura ta' Settembru 2025, l-elementi inklużi fil-fattura ta' April 2026, u stimi għall-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru 2026 li huma magħrufa f'dan l-istadju. L-aġġornament jirriżulta f'kontribuzzjoni tar-Renju Unit aktar baxxa meta mqabbla mal-istima inkluża fil-bagit tal-2026, prinċipalment minħabba r-rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa milli mistenni tar-RAL tal-Brexit fl-2025 kif ukoll l-ammonti rrapportati ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, korrezzjonijiet finanzjarji netti u multi. L-ammont rivedut tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit inkluż fl-ABE 2/2026 huwa kkalkulat billi jitqiesu l-modalitajiet ta' pagament stabbiliti fl-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għalhekk qed jiġi propost li l-istima introdotta fil-bagit tal-2026 tiġi aġġornata kif xieraq. B'mod ġenerali, dan se jnaqqas il-kontribuzzjoni stmata tar-Renju Unit għall-bagit tal-2026 b'EUR 562,9 miljun li tirriżulta mit-tnaqqis ta' EUR 557,8 miljun fi dħul ġenerali u t-tnaqqis ta' EUR 5,1 miljun fi dħul assenjat.

Kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit fl-2026 (f'EUR)

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-ħruġ	**2026**
Total tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit fl-2026, li minnhom:		**478 248 868**
1. RAL qabel l-2021 (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji netti) - dovuti għall-pagament fl-2026	Art. 140	371 149 808
2. Obbligazzjonijiet tal-Unjoni/pensjonijiet*	Art. 142	355 397 735
3. Korrezzjonijiet u aġġustamenti tar-riżorsi proprji, li minnhom:		130 223 924
3.1 Surplus/defiċit tal-2020	Art. 136(3)(a)	*mhux applikabbli*
3.2 Aġġornamenti tal-korrezzjoni tar-Renju Unit (2018-2019)	Art. 136	*mhux applikabbli*
3.3. VAT u ING	Art. 136	*105 372 390*
3.4. RPT	Art. 136, Art. 140(4)	*24 851 534*
4. Multi	Art. 141	-145 901 554
5. Obligazzjonijiet kontinġenti, li minnhom:		-233 890 775
5.1 ELM, EFSI, EFSD, self (Fondi ta' garanzija)	Art. 143	*-198 269 614*
5.2 Strumenti Finanzjarji	Art. 144	*42 661 537*
5.3 Każijiet legali (inkluż multi)	Art. 147	*7 040 376*
6. Assijiet netti tal-ECSC	Art. 145	mhux applikabbli
7. Investiment tal-FEI	Art. 146	mhux applikabbli
8. Aċċess għan-networks/sistemi/bażijiet tad-data**	Art.34(2), Art. 50 u 53, Art. 62(2), Art. 63(1)(e), Art. 63(2), Art.99(3), Art.100(2)	1 269 729

[10] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.01.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign).

[11] Imsemmi fl-Artikolu 136(3), il-punti (a) u (c), u fl-Artikoli minn 140 sa 147 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-ħruġ	2026
** L-ammont ta' EUR 326 miljun se jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat.* *** Għandu jiddaħħal fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat.*		

2.4 Multi u pagamenti ta' penali

Meta jitqiesu l-multi u l-pagamenti ta' penali msarrfa mill-1 ta' Jannar 'l hawn, qed jiġi propost li jiddaħħlu l-ammonti li ġejjin fil-baġit tal-2026:

a) EUR 855 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni.
a) EUR 268 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattati.
a) EUR 97,5 miljun ta' mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.
a) EUR 22,7 miljun ta' redditi negattivi fuq multi kkanċellati jew imnaqqsa.
a) EUR 0,8 miljun ta' multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn, prinċipalment għal primjums għall-eċċess ta' emissjonijiet.

Għaldaqstant huwa propost li l-ammont inizjali introdott fil-baġit tal-2026 ta' EUR 101 miljun jiżdied b'EUR 1 199 miljun u b'hekk jammonta għal total ta' EUR 1 300 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2026	ABE 2/2026	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	100 000 000	855 327 953	955 327 953
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	p.m.	268 063 119	268 063 119
4 2 4	Imgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali	1 000 000	97 536 784	98 536 784
4 2 5	Imgħax, imposti oħra dovuti u redditi negattivi dwar multi kkanċellati jew imnaqqsa	p.m.	-22 715 250	-22 715 250
4 2 9	Multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn	p.m.	865 504	865 504
Total		**101 000 000**	**1 199 078 110**	**1 300 078 110**

2.5 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2026

Meta jitqies it-tbassir rivedut għar-RPT, għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux riċiklati, l-ammont ta' riżorsi proprji minbarra l-ING żdied b'EUR 2 997,9 miljun. Flimkien maż-żieda ta' dħul ieħor b'EUR 641,3 miljun (bħala l-effett ikkombinat taż-żieda fid-dħul mill-multi b'EUR 1 199,1 miljun u t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit b'EUR 557,8 miljun) u ż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament bi EUR 8 biljun, dan iżid il-kontribuzzjoni tal-ING b'EUR 4 364,9 miljun meta mqabbla mal-ABE 1/2026.

Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekwilibriju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea minqux fl-Artikolu 310(1) TFUE, ir-rata uniformi li għandha tiġi applikata għas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha trid tiġi kkalkulata mill-ġdid filwaqt li jitqies id-dħul l-ieħor kollu.

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta titqies ir-rata uniformi l-ġdida huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Sena baġitarja 2026 (f'EUR)

Stat Membru	1 % tal-baži tal-ING użata għall-ABE 1/2026	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 1/2026	1 % tal-baži tal-ING (Previżjoni tal-KKRP maqbula)	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 2/2026	Differenza fl-ING
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5) = (3 x 4) - (1 x 2)
BE	6 614 962 000		6 721 470 000		181 461 482
BG	1 116 401 000		1 164 217 000		51 464 584
CZ	3 376 618 000		3 540 066 000		168 804 680
DK	4 457 407 000		4 315 707 000		- 26 802 157
DE	47 117 636 000		47 758 591 000		1 210 340 513
EE	428 026 000		433 485 000		10 741 077
IE	4 145 078 000		4 574 229 000		366 799 858
EL	2 547 929 000		2 563 473 000		52 100 311
ES	17 368 690 000		17 725 310 000		530 206 848
FR	31 241 384 000		31 081 619 000		394 152 340
HR	965 743 000		1 001 047 000		40 287 935
IT	23 055 104 000		23 154 238 000		442 439 474
CY	336 266 000	0,6821695	341 565 000	0,6983572	9 143 959
LV	430 155 000		449 313 000		20 342 336
LT	857 010 000		871 696 000		24 129 073
LU	609 823 000		637 947 000		29 512 214
HU	2 238 976 000		2 334 403 000		102 885 946
MT	221 079 000		231 745 000		11 027 433
NL	12 297 977 000		12 129 885 000		81 687 401
AT	5 090 841 000		5 290 218 000		221 645 240
PL	9 473 184 000		9 523 076 000		188 191 261
PT	3 073 087 000		3 164 702 000		113 726 127
RO	4 042 013 000		3 917 783 000		- 21 326 119
SI	730 451 000		737 741 000		16 915 328
SK	1 404 150 000		1 399 038 000		19 159 922
FI	2 966 604 000		2 908 364 000		7 350 100
SE	6 572 384 000		6 589 821 000		118 568 871
Total	**192 778 978 000**		**194 560 749 000**		**4 364 956 037**

3. AĠĠORNAMENT TA' PARTITI TAN-NEFQA

3.1 Tisħiħ tal-approprjazzjoni ta' pagament għall-koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Il-programmi ta' koeżjoni wrew progress qawwi fl-implimentazzjoni fl-2025. Il-baġit ivvutat fl-2025 ġie kkunsmat kollu, inkluż it-tisħiħ ta' EUR 2,7 biljun fil-Baġit Emendatorju 3/2025. Ħafna Stati Membri ppreżentaw applikazzjonijiet għall-pagament li jmorru ferm lil hinn mill-mira ta' diżimpenn "n + 3" fl-2025, li eventwalment wassal għal ħtiġijiet ta' pagament li jaqbżu d-disponibbiltajiet tal-baġit. Barra minn hekk, rekord għoli ta' 32 % tal-applikazzjonijiet għall-pagamenti totali (ammont ta' EUR 14,4 biljun) waslu fl-aħħar ġimagħtejn tas-sena, u dan wassal għal akkumulazzjoni sinifikanti ta' applikazzjonijiet (EUR 18-il biljun) riportati u mħallsa mill-baġit tal-2026.

L-arretrati tal-koeżjoni mill-2025, flimkien mal-pass aċċellerat tal-implimentazzjoni, ipoġġi l-baġit tal-2026 taħt pressjoni. Ix-xejriet attwali tal-implimentazzjoni fil-prattika (proġetti li jkopru 69 % tal-pakkett tal-politika ta' koeżjoni diġà ntgħażlu mill-awtoritajiet tal-programm), kif ukoll it-tbassir tal-Istati Membri, jindikaw implimentazzjoni sħiħa tal-baġit ivvutat għall-2026 u jindikaw ħtieġa għal tisħiħ ulterjuri. It-tisħiħ propost ta' EUR 5,36 biljun għall-politika ta' koeżjoni li diġà jinsab f'dan l-ABE jtaffi r-riskju li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jispiċċaw sal-aħħar ta' Ottubru. Valutazzjoni ulterjuri tal-ħtiġijiet sa tmiem is-sena se ssir fi tmiem is-sajf, abbażi tat-tbassir tal-Istati Membri li għandu jiġi ppreżentat sal-aħħar ta' Lulju.

Fir-rigward tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-2023-2027 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), l-Istati Membri rrevedew 'il fuq it-tbassir tagħhom għas-sena. L-ewwel żewġ dikjarazzjonijiet tan-nefqa li waslu s'issa għall-2026 juru wkoll titjib fir-rata ta' akkuratezza tat-tbassir tal-Istati Membri. Il-pass aċċellerat tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jirrifletti kemm irkupru mis-sottoeżekuzzjoni fl-ewwel snin ta' dan il-perjodu ta' programmazzjoni kif ukoll durata iqsar tal-perjodu ta' programmazzjoni (5 snin). L-aċċellerazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-programmi tindika l-fatt li l-Istati Membri qed jipprijoritizzaw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, issa li l-Programmi ta' Żvilupp Rurali 2014-2022 laħqu l-fażi tal-għeluq. Għalhekk, il-Kummissjoni tistma li huma meħtieġa EUR 2,2 biljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2026 minbarra l-baġit ivvutat.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	0	2 200 000 000
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	3 376 800 000
05 03 01	Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali	0	589 600 000
07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali	0	1 393 600 000
Total		**0**	**7 560 000 000**

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni fil-baġit kollu. Wara s-sajf, se tqis it-tbassir aġġornat tal-Istati Membri għall-politika ta' koeżjoni u l-FAEŻR (li għandu jiġi pprovdut sal-aħħar ta' Lulju u sal-aħħar ta' Awwissu rispettivament) u tal-implimentazzjoni attwali tal-baġit. Bħala parti mill-eżerċizzju ta' Trasferiment Globali, hija mbagħad se taġġusta l-approprjazzjonijiet tal-baġit għall-ħtiġijiet aġġornati għall-programmi kollha li jistgħu jeħtieġu tisħiħ ulterjuri tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2026, b'mod partikolari għall-koeżjoni.

3.2 Tisħiħ tan-nefqa agrikola

Il-bdiewa bħalissa qed jiffaċċjaw sfidi severi ta' likwidità minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani, b'mod partikolari minħabba l-impatt negattiv tagħha fuq il-kostijiet tal-input agrikolu, jiġifieri l-enerġija u l-fertilizzanti. Hemm ħtieġa urġenti li jiġi stabbilizzat is-settur agrikolu u li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-istabbiltà tas-suq fl-UE billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet urġenti ta' likwidità fost il-bdiewa.

Biex jinkiseb dan, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ eċċezzjonali mmirat għall-bdiewa Ewropej l-aktar affettwati permezz ta' strumenti eżistenti ta' kriżi taħt il-politika agrikola komuni (PAK). B'dan il-ħsieb, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti fid-19 ta' Mejju[12], li indika, fost l-azzjonijiet immedjati biex jittejjeb l-aċċess tal-bdiewa għal fertilizzanti affordabbli, proposta imminenti għal żieda tar-riżerva agrikola biex tingħata għajnuna eċċezzjonali rapida lill-bdiewa. Meta jitqies l-ammont attwalment disponibbli taħt ir-riżerva għall-agrikoltura għall-2026, qed jintalab tisħiħ ta' EUR 300 miljun mill-marġni taħt is-sublimitu tal-FAEG fl-intestatura 3.

Barra minn hekk, bħal fi snin oħra, il-baġit tal-FAEG għall-2026 kien jinkludi projezzjoni tal-ammont ta' dħul assenjat li għandu jingħabar fl-2026, li jnaqqas l-approprjazzjonijiet ġodda fil-baġit biex ikopri l-ħtiġijiet kif xieraq. L-istima għall-2026 kienet ibbażata fuq data preliminari fi stadju bikri tal-proċess tal-approvazzjoni tal-konformità. L-istimi riveduti, li jinkorporaw id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni attwali u l-possibbiltajiet ta' tpaċija għall-2026, issa jindikaw livell aktar baxx ta' dħul assenjat milli kien projettat inizjalment, li joħloq lakuna biex jiġu koperti l-ħtiġijiet għall-FAEG. Parti minn din il-lakuna se tiġi koperta permezz ta' riallokazzjonijiet fi ħdan il-FAEG. Madankollu, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' nuqqas ta' approprjazzjonijiet u jiġi żgurat rimborż f'waqtu tan-nefqa tal-FAEG lill-Istati Membri, qed jintalab tisħiħ ta' EUR 140 miljun mill-marġni taħt is-sublimitu tal-FAEG fl-intestatura 3.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
08 02 01	Riżerva għall-Agrikoltura	300 000 000	300 000 000
08 02 04 01	Appoġġ Bażiku għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà	140 000 000	140 000 000
Total		**440 000 000**	**440 000 000**

3.3 Pożizzjonijiet u krediti addizzjonali fit-tabella tal-persunal għas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna

Fl-14 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti[13] tagħha għal Regolament li jistabbilixxi s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2026[14]. Is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, stabbilit taħt kooperazzjoni msaħħa, jinvolvi tip ġdid ta' ġestjoni finanzjarja, baġitarja u legali. Flimkien mal-volum u n-natura tal-approprjazzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti, dan jeħtieġ għarfien espert addizzjonali fid-Direttorati Ġenerali involuti fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tiegħu.

Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, il-Kummissjoni topera skont il-prinċipju ta' persunal stabbli. Madankollu, diversi kompiti ġodda ġew fdati lill-Kummissjoni biex twieġeb għal prijoritajiet ġodda, li wasslu għal diskrepanza konsiderevoli fil-kapaċità. Minkejja sforzi kontinwi biex jinstabu sinerġiji u kosteffettività, il-kapaċità li jiġu assorbiti kompiti ġodda taħt persunal stabbli laħqet

12 COM(2026) 310, 19.5.2026.

13 COM(2026) 20, 14.1.2026.

14 Ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (ĠU L, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj

il-limiti tagħha. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' din il-proposta teħtieġ total ta' 53 pożizzjoni fit-tabella tal-persunal, li minnhom 41 pożizzjoni lil hinn mill-persunal stabbli. Dan huwa konformi mad-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Ir-riżorsi addizzjonali se jippermettu l-istabbiliment u l-ġestjoni xierqa tal-istrument il-ġdid. Xi wħud mill-pożizzjonijiet il-ġodda se jkunu jinsabu fid-Delegazzjoni tal-UE għall-Ukrajna biex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tal-istrument il-ġdid fuq il-post. Ammont globali ta' EUR 3,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa mitlub fl-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) biex ikopri s-salarji u l-allowances ta' dan il-persunal addizzjonali, kif ukoll l-ispejjeż mhux relatati mas-salarji għall-2026, jekk wieħed jassumi preżenza medja ta' 6 xhur fl-2026.

Flimkien maż-żieda tal-pożizzjonijiet fil-tabella tal-persunal, hija meħtieġa wkoll nefqa ta' appoġġ addizzjonali għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self relatati mas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna. It-teħid b'self għas-self se jkun kopert taħt l-approċċ ta' finanzjament unifikat tal-UE, li taħtu l-Kummissjoni toħroġ bonds tal-UE u talloka r-rikavati għal ġabra ċentrali ta' finanzjament, li minnha se jiġi ffinanzjat is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna. Total ta' EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa għalhekk mitlub ukoll fl-intestatura 2b biex jippermetti livell ogħla ta' self biex jinġabru l-fondi meħtieġa.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
06 01 03	Nefqa ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' ġestjoni ta' għoti u teħid b'self tal-Unjoni Ewropea	1 000 000	1 000 000
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u allowances — Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza	1 864 000	1 864 000
20 01 02 02	Spejjeż u allowances konnessi mar-reklutaġġ, it-trasferimenti u t-terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza	551 000	551 000
20 01 02 03	Rimunerazzjoni u allowances — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	510 000	510 000
20 01 05 01	Servizz mediku	1 000	1 000
20 03 05 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	239 000	239 000
Total		**4 165 000**	**4 165 000**

It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

3.4 Trasferimenti miż-ŻEE għall-programm LIFE

In-negozjati dwar il-proposta għal Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi[15] jinsabu wieqfa, u ma huwa mistenni l-ebda ftehim fl-2026. Ir-riżorsi finanzjarji li kienu ppjanati għall-implimentazzjoni tal-kompiti rilevanti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – total ta' EUR 432 172 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament – jistgħu għalhekk jiġu rritornati lill-programm LIFE, li minnu dawn l-approprjazzjonijiet inizjalment ġew ikkumpensati. Bl-istess mod, pożizzjoni waħda fit-tabella tal-persunal u pożizzjoni waħda ta' aġent kuntrattwali għal dan il-għan ma għadhomx meħtieġa.

Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-foresti Ewropej[16] ġiet inkluża fil-lista ta' inizjattivi pendenti rtirati fil-Komunikazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-

15 COM(2023)166 final, 22.3.2023

16 COM(2023)728 final, 22.11.2023

2026 — Il-Mument tal-Indipendenza tal-Ewropa[17]. Ir-riżorsi finanzjarji li kienu ppjanati għall-implimentazzjoni tal-kompiti rilevanti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – total ta' EUR 1,1 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament – jistgħu għalhekk jiġu rritornati lil-linji baġitarji tal-programm LIFE, li minnu dawn l-ammonti inizjalment ġew ikkumpensati. Bl-istess mod, żewġ pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u aġent kuntrattwali wieħed għal dan il-għan ma għadhomx meħtieġa.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 02)	- 1 537 273	- 1 537 273
09 02 01	Natura u bijodiversità	552 550	552 550
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	432 172	432 172
09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	552 551	552 551
Total		**0**	**0**

It-tabella tal-persunal aġġornata hija stabbilita fl-anness baġitarju.

3.5 Bidla fir-rimarki tal-baġit għal-linja 02 02 02 (Garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni)

Skont ir-Regolament Omnibus II dwar InvestEU[18], l-Istati Membri issa jistgħu jikkontribwixxu fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għall-istrument finanzjarju InvestEU. Dawn il-fondi huma kontribuzzjonijiet diretti fi flus kontanti mill-Istati Membri lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li għalihom l-aktar soluzzjoni xierqa hija li dan id-dħul assenjat estern jiġi rreġistrat taħt il-linja baġitarja 02 02 02. Biex tiġi riflessa din il-bidla u biex jiġu akkomodati talbiet futuri simili, huwa propost li r-rimarki baġitarji fil-Baġit 2026 għal-linja 02 02 02 jiġu emendati kif ġej:

Linja 02 02 02 – Garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-proviżjonament tal-garanzija tal-UE prinċipalment meħtieġ biex jiġu koperti t-talbiet għal ħlas ta' garanzija u l-kostijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet minn ħames Stati Membri (ir-Rumanija, il-Greċja, il-Finlandja, il-Bulgarija u Malta) u n-Norveġja u l-Iżlanda waslu fl-2022, fl-2023 u fl-2024 bħala kontribuzzjonijiet annwali addizzjonali mill-Istati Membri u mill-Istati tal-EFTA billi żdiedu l-approprjazzjonijiet korrispondenti taħt dan l-artikolu.

Wara r-Regolament Omnibus II dwar Invest EU, huma mistennija kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Italja u mir-Rumanija, li se jikkostitwixxu dħul assenjat estern. Dawn il-fondi mhux se jkunu parti mill-garanzija ta' InvestEU iżda se jiġu fdati lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta' InvestEU rilevanti u se jiġu implimentati bħala strument finanzjarju taħt InvestEU.

17 COM(2025)870 final, 21.10.2025

18 Ir-Regolament (UE) 2025/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar (ĠU L, 2025/2005, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2005/oj).

4. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 2/2026 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 444,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 8 004,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. In-naħa tad-dħul tal-baġit hija proposta li tiġi aġġustata kif stabbilit f'dan l-ABE 2/2026.

Minħabba n-nuqqas ta' marġini u spazju għar-riallokazzjoni taħt is-subintestatura 2b, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093[19] għal ammont ta' EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament għas-subintestatura 2b, sabiex tissaħħaħ il-linja baġitarja għan-nefqa ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' ġestjoni ta' għoti u teħid b'self.

Bl-istess mod, minħabba n-nuqqas ta' marġini u spazju għar-riallokazzjoni taħt l-intestatura 7, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument ta' Marġni Uniku f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093[20] għal ammont ta' EUR 3,165 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-intestatura 7.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2026 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2023 sa 2026 huma stmati għal EUR 2 286,0 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)				
Sena ta' mobilizzazzjoni	**2026**	**2027**	**Wara l-QFP 2021-2027**	**Total**
2023	83,2	0,0	0,0	**83,2**
2024	83,7	46,3	0,0	**129,9**
2025	15,8	9,4	5,7	**30,9**
2026	2 038,7	1,7	1,6	**2 041,9**
Total	**2 221,4**	**57**,3	**7,2**	**2 286,0**

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

[20] *Ibid.*

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

		Bağit 2026 (inkluż ABE 1/2026)		Abbozz ta' Bağit Emendatorju 2/2026		Bağit 2026 (inkluż ABE 1-2/2026)	
		AI	**AP**	**AI**	**AP**	**AI**	**AP**
1	**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**	**22 162 993 197**	**23 336 627 126**			**22 162 993 197**	**23 336 627 126**
	Limitu	*22 210 000 000*				*22 210 000 000*	
	Marġni	*47 006 803*				*47 006 803*	
2	**Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri**	**71 649 838 425**	**73 166 657 166**	**1 000 000**	**5 361 000 000**	**71 650 838 425**	**78 527 657 166**
	Limitu	*67 523 000 000*				*67 523 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*2 014 115 425*		*1 000 000*	*1 000 000*	*2 015 115 425*	
	Li minnhom taħt l-EURI	*2 112 723 000*				*2 112 723 000*	
	Marġni						
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	56 594 001 997	58 298 110 625		5 360 000 000	56 594 001 997	63 658 110 625
	Limitu	*56 593 000 000*				*56 593 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 001 997*				*1 001 997*	
	Marġni						
2b.	Reżiljenza u valuri	15 055 836 428	14 868 546 541	1 000 000	1 000 000	15 056 836 428	14 869 546 541
	Limitu	*10 930 000 000*				*10 930 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*2 013 113 428*		*1 000 000*	*1 000 000*	*2 014 113 428*	
	Li minnhom taħt l-EURI	*2 112 723 000*				*2 112 723 000*	
	Marġni						
3	**Riżorsi Naturali u Ambjent**	**56 529 415 080**	**52 577 345 231**	**440 000 000**	**2 640 000 000**	**56 969 415 080**	**55 217 345 231**
	Limitu	*57 100 000 000*				*57 100 000 000*	
	Marġni	*570 584 920*		*-440 000 000*		*130 584 920*	
	Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	**40 011 259 481**	**39 958 066 815**	**440 000 000**	**440 000 000**	**40 451 259 481**	**40 398 066 815**
	Sublimitu massimu tal-FAEG	*41 764 000 000*				*41 764 000 000*	
	Differenza dovuta għall-ittondjar eskluża mill-kalkolu tas-submarġni	*773 000*				*773 000*	
	Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*-1 222 773 000*				*-1 222 773 000*	
	Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sublimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)	*40 542 000 000*				*40 542 000 000*	
	Submarġni tal-FAEG	*529 967 519*		*-440 000 000*		*89 967 519*	
4	**Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri**	**5 018 866 515**	**3 887 896 129**			**5 018 866 515**	**3 887 896 129**
	Limitu	*5 103 000 000*				*5 103 000 000*	
	Marġni	*84 133 485*				*84 133 485*	
5	**Sigurtà u Difiża**	**2 813 506 939**	**2 253 300 408**			**2 813 506 939**	**2 253 300 408**

	Limitu	*2 810 000 000*				*2 810 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*3 506 939*				*3 506 939*	
	Marġni						
6	**Vičinat u d-Dinja**	**15 600 020 092**	**16 569 670 072**			**15 600 020 092**	**16 569 670 072**
	Limitu	*15 614 000 000*				*15 614 000 000*	
	Marġni	*13 979 908*				*13 979 908*	
7	**Amministrazzjoni Pubblika Ewropea**	**13 277 510 287**	**13 277 510 287**	**3 165 000**	**3 165 000**	**13 280 675 287**	**13 280 675 287**
	Limitu	*12 506 000 000*				*12 506 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*23 306 848*				*23 306 848*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	*748 203 439*		*3 165 000*		*751 368 439*	
	Marġni						
	li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**9 999 745 735**	**9 999 745 735**	**3 165 000**	**3 165 000**	**10 002 910 735**	**10 002 910 735**
	Sublimitu	*9 464 000 000*				*9 464 000 000*	
	Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	*535 745 735*		*3 165 000*		*538 910 735*	
	Submarġni						
	Approprjazzjonijiet ghall-intestaturi	**187 052 150 535**	**185 069 006 419**	**444 165 000**	**8 004 165 000**	**187 496 315 535**	**193 073 171 419**
	Limitu	***182 866 000 000***	***201 170 000 000***			***182 866 000 000***	***201 170 000 000***
	Li minnhom taht l-Istrument ta' Flessibbiltà	***2 040 929 212***	***2 220 417 865***	***1 000 000***	***1 000 000***	***2 041 929 212***	***2 221 417 865***
	Li minnhom taht l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)	***748 203 439***		***3 165 000***		***751 368 439***	
	Li minnhom taht l-EURI	***2 112 723 000***	***2 112 723 000***			***2 112 723 000***	***2 112 723 000***
	Marġni	***715 705 116***	***20 434 134 446***	***-440 000 000***	***-8 003 165 000***	***275 705 116***	***12 430 969 446***
	Strumenti speċjali tematiċi	**5 715 921 020**	**5 022 549 248**			**5 715 921 020**	**5 022 549 248**
	Approprjazzjonijiet totali	**192 768 071 555**	**190 091 555 667**	**444 165 000**	**8 004 165 000**	**193 212 236 555**	**198 095 720 667**